MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 1186/2012/1

**Commerzbank Aktiengesselschaft, registrat il-Germanja, rappresentat lokalment mill-mandatarju specjali tieghu Dottor Louis Cassar Pullicino kif debitament awtorizzat**

**vs**

**Il-bastiment M.V. "HC MARIE - JEANNE", IMO Numru 9381407, registrat Hamburg, il-Germanja, fil-propjeta ta' HC "Euro-Massengutfrachter" GmbH & Co.KG, tunnellagg gross 5599 u tunnellagg nett 2883 u li jtajjar bandiera tal-Antigua & Barbuda**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti tat-23 ta’ Novembru 2012 li jghid hekk:

Illi l-Bank rikorrenti huwa kreditur tal-bastiment intimat fl-ammont ta' erba' miljun seba' mija u erbgha u disghin elf, hames mija u sebgha u sittin euro u wiehed u erbghin centezmu (€ 4,794,567.41);

Illi dan il-kreditu jirrizulta minn self li gie avvanzat mill-Bank esponenti lis-sidien tal-bastiment intimat u liema kreditu huwa kawtelat b'mortgage debitament registrat fir-registru tal-bastiment;

Illi in effetti bejn il-Bank esponent u s-sidien tal-bastiment intimat u cioe HC "Euro-Massengutfrachter" GmbH & Co. KG saru s-segwenti kuntratti:-

i. Kuntratt ta' Self datat 23 ta' Lulju 2008, kif sussegwentement emendat permezz ta' Addendum No. 1, Addendum No. 2, Addendum No. 3 u Addendum No. 4, bis-sahha ta' liema kuntratt giet avvanzata mill-mittenti b'titolu ta' self is-somma globali ta' euro 11,538,000.00 (euro hdax-il miljun hames mija u tmienja u tletin elf );

ii. Kuntratt ta' Self 23 ta' Lulju 2008, kif sussegwentement emendat permezz ta' Addendum No. 1, Addendum No. 2, Addendum No. 3 u Addendum No. 4, bis-sahha ta' liema kuntratt giet avvanzata mill-mittenti b'titolu ta' self is-somma ta' tlett mitt elf euro (€300,000.00);

iii. Abstract Promise of Debt datat 17 ta' Lulju 2008, li bis-sahha tieghu s-sidien tal-bastiment intimat ikkawtelaw id-drittijiet tal-mittenti nomine naxxenti mill-kuntratti ta' self hawn fuq msemmi sa massimu ta' €15,389,000.00 billi accettaw u fil-fatt iskrivew ipoteka navali ossia "mortgage" fir-registru tal-bastiment intimat;

Illi s-socjeta debitrici, HC "Euro-Massengutfrachter" GmbH & Co. KG naqset li thallas il-pagamenti kollha dovuti kif obbligata taghmel u ma osservatx il-kondizzjonijiet u l-pattijiet kollha assunti taht il-fuq imsemmija kuntratti u ghalhekk kien jezisti "default" taht l-istess kuntratt ta' self u Abstract Promise of Debt Agreement;

Illi b'ittra ossia Notice of Default and Demand For Repayment tat-18 ta' Settembru 2012 is-sidien tal-bastiment intimat gew notifikati b' "Notice of Default" fis-sens illi kien hemm "default" taht il-fuq imsemmija kuntratti billi kienu inadempjenti u l-istess sidien nghataw sa mhux aktar tard mill-5 ta' Ottubru 2012 sabiex ihallsu l-ammont dovuti;

Illi billi dan l-ammont baqa' dovut il-Bank esponent ipproceda billi kkawtela l-kreditu tieghu bil-hrug ta' Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar mumru 1613/2012 kontra l-bastiment intimat u li kopja tieghu qed jigi hawn anness. Il-mandat kawtelatorju kien gie sussegwentement rez wiehed ezekuttiv permezz ta' nota li giet prezentata fil-15 ta' Novembru 2012 ai termini tal-artikou 838B tal-Kap. 12 u li bhala konsegwenza il-bastiment intimat jinsab maqbud taht il-gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti;

Illi b'ittra ufficjali li giet prezentata fil-5 ta' Novembru 2012, notifikata fis-6 ta' Novembru 2012, il-Bank esponent interpella lill-bastiment intimat sabiex ihallas l- ammont dovut hawn fuq imsemmi ta' erba' miljun seba' mija u erbgha u disghin elf, hames mija u sebgha u sittin euro u wiehed u erbghin centezmu (€4,794,567.41) izda sa llum ma sar l-ebda pagament;

Illi skond il-ligi u permezz tal-ittra ufficjali hawn fuq indikata, il-mortgage li gie iskritt fir-registru tal-bastiment intimat in kawtela tal-kreditu tal-Bank esponent u dan a tenur tal-Abstract Promise of Debt Agreement gie rez titolu ezekuttiv a tenur tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234;

Illi fic-cirkostanzi il-Bank esponent ghandu interess li jenforza t-titolu ezekuttiv li ottjena billi jipprocedi ghall-bejgh tal-bastiment intimat, liema bejgh ikun approvat minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikoli 358 et seq. tal-Kap. 12 (Taqsima 1, Titolu VII sub titolu V - "Fuq il-Bejgh approvat mill-Qorti ghall-vapuri, bastimenti u ingenji tal-ajru");

Illi skond l-artikolu 358 tal-Kap. 12, dina l-Qorti ghandha s-setgha, fuq talba ta' kreditur li ghandu titolu ezekuttiv,

tapprova l-bejgh privat ta' bastiment favur xerrej identifikat u versu l-hlas ta' prezz deteminat;

Illi a tenur tal-artikolu 359, il-Bank esponent qed jannetti ma' dan ir-rikors zewg stimi kif rikjest mill-ligi, wahda maghmula mill-Inginier Paul Cardona li jaghti stima ta' bejn €4,500,000.00 u €5,000,000.00 (kopja anessa) u l-ohra maghmula mid-ditta ta' inginjira tedeska Ingenierburo Weselmann GmbH li jaghtru stima tal-bastiment intimat fis-somma ta' €4,900,000.00 ( kopja annessa);

Illi l-Bank esponent ghandu offerta ghall-akkwist tal-imsemmi bastiment intimat minghand is-socjeta MS "ABUK LION" GmbH versu l-prezz ta' €4,500,000.00, kif jirrizulta minn Memorandum of Agreement datat 8 ta' Novembru 2012 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa;

Illi l-offerta in kwistjoni taqa' sew u vicin il-parametri tal-istimi prodotti;

Illi l-Bank esponent ma jaf bl-ebda kredituri ohra interessati fl-imsemmi bastiment tant li minn ricerka fir-registru ma jirrizultawx li sa llum saru xi mandati ohra jew proceduri fil-konfront tal-bastiment intimat izda fl-istess hin u ghal kull buon fini, il-Bank esponent gharraf lill-Amministratur Fallimentari li gie nominat mill-Qorti Tedeska fi proceduri ta' stralc tal-kumpannija sid tal-bastiment intimat sabiex jiehu konjizzjoni tal-Memorandum of Agreement hawn fuq indikat u sabiex jinforma lill-partijiet interessati bl-imsemmija offerta;

Ghalhekk il-Bank esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

i. Tapprova l-bejgh privat tal-bastiment intimat "HC Marie-Jeanne" a favur tas-socjeta estera MS "ABUK LION" GmbH u dan versu l-prezz ta' €4,500,000.00 u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet tal-Memorandum of Agreement tat-8 ta' Novembru 2012 u/jew taht kwalunkwe patt u kundizzjoni ohra li jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti u dan a tenur tal-artikolu 358 tal-Kap. 12;

ii. Tahtar persuna li jkun awtorizzat jitrasferixxi l-bastiment intimat skond l-imsemmija pattijiet u kundizzjonijiet tal-Memorandum of Agreement datat 8 ta' Novembru 2012 u/jew taht kull patt u kondizzjoni opportuna li jidhrilha xieraq dina l-Qorti, bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati fil-ligi inkluz l-artikolu 364 tal-Kap. 12;

iii. Taghti kull provvediment iehor opportun skond ic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi dan ir-rikors gie notifikat lil bastiment intimat li ma pprezenta ebda risposta u anqas deher xi hadd ghas-seduta tat-3 ta' Dicembru 2012;

Rat illi Dr. Louis Cassar Pullicino ghal bank rikorrenti ddikjara li ma ghandux x'izzid ma' dak pprezentat fl-atti;

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu rikors maghmul taht l-artikolu 358 tal-Kapitolu 12 li jaghti jedd lil Qorti li wara rikors tal-kreditur li ghandu titolu ezekuttiv tapprova l-bejgh privat ta' vapur favur xerrej identifikat bi hlas ta' prezz determinat.

L-ewwel element li jrid jigi sodisfatt ghalhekk hu l-kreditu u li fuq dan il-kreditu l-kreditur jgawdi titolu ezekuttiv.

Il-bank rikorrent esebixxa zewg loan agreements datati 23 ta' Lulju 2008 bl-addenda taghhom, abstract promise of debt datat 17 ta' Lulju 2008 kawtelat b'ipoteka navali fir-registru tal-bastiment intimat.

Id-debitur naqas li jhallas il-pagamenti dovuti fuq il-loan agreements, u abstract promise of debt u ghalhekk kien responsabbli ghal default skond l-imsemmija ftehim u fit-18 ta' Settembru 2012 sid il-bastiment gie notifikat bid-default u nghataw sal-5 ta' Ottubru 2012 biex ihallsu.

B'ittra ufficjali tal-5 ta' Novembru 2012 notifikata lil bastiment fis-6 ta' Novembru 2012 il-bank interpella lill-bastiment biex jithallas l-ammont dovut cioe €4,794,567.41 izda baqa' inadempjenti. Din l-ittra ufficjali saret ukoll a tenur tal-artikolu 42(4) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-kreditur biex isegwi l-procedura odjerna skond l-artikolu 358 tal-Kap. 12 irid jispecifika s-somma dovuta permezz ta' ittra ufficjali notifikata lid-debitur ipotekarju sabiex jigi determinat l-ammont cert, likwidu u dovut in konnessjoni ma' esekuzzjoni ta' ipoteka navali.

Peress illi ipoteka navali hi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234, jidher ippruvat mid-dokumenti w intimazzjonijiet li saru illi l-bank rikorrenti ghandu kreditu li fuqu jgawdi titolu ezekuttiv.

Il-bank rikorrenti qed jitlob li jigi awtorizzat ibiegh il-vapur HC MARIE-JEANNE  proprjeta tad-debituri b'mod privat cioe mhux b'subbasta tal-Qorti. Ghal dan il-ghan hu esebixxa fl-atti zewg stimi indipenenti tal-valur tal-vapur cioe wahda tal-Inginier Paul Cardona u l-ohra tas-socjeta internazzjonali Germaniza Ingenieurbüro Weselmann GmbH u dan kif jitlob l-artikolu 359 tal-Kapitolu 12. L-ewwel stima hi bejn €4,500,000 u €5,000,000 u l-ohra hi ta' €4,900,000.

Il-bank rikorrenti qed jitlob li jsir il-bejgh tal-vapur lis-socjeta MS ABUK LION GmbH bil-valur ta' €4,500,000. Din l-offerta taqa' fil-parametri tal-ewwel stima indipendenti. Ghalkemm bhala offerta ma twassalx lejn il-parti l-aktar gholja taz-zewg stimi pero l-Qorti tqis li l-offerta hi ragonevoli fic-cirkostanzi prezenti tal-qaghda finanzjarja dinjija.

Il-Qorti ma ssibx raguni ghalfejn dan il-bejgh ma ghandhux isir fit-termini tal- Memorandum of Agreement kif hu esebit fl-atti.

In oltre r-rikorrenti ddikjara li ma jafx bi kredituri ohra jew proceduri ohra kontra l-istess bastiment u anki gharraf lill-amministratur fallimentari li gie nominat mill-Qorti Tedeska

fi proceduri ta' stralc tal-kumpanija sid il-bastiment biex jinforma lill-partijiet interessati bl-offerta.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-bejgh privat tal-bastiment HC MARIE-JEANNE lis-socjeta estera MS ABUK LION GmbH bil-prezz ta' €4,500,000 skond it-termini u kondizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat 8 ta' Novembru 2012, li hu esebit l-atti liema bejgh ghandu jaghti lix-xerrej titolu mhux aggravat minn kull privilegg jew piz ai termini tal-artikolu 364 tal-Kap. 12.

Ghal fini tat-tieni talba tahtar lil avukat Dr. Ian Vella Galea sabiex ai termini tal-artikolu 362 tal-Kap. 12 ikun intitolat jitrasferixxi l-vapur skond il-kondizzjonijiet fuq imsemmija fil-Memorandum of Agreement tat-8 ta' Novembru 2012 bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati senjatament dawk tal-artikoli 363 u 364 tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------